# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 6**

**Rikors numru 76/2004 PC**

**Victoria mart Joseph Cacciattolo,**
**Maria Dolores armla ta' Carmelo Attard,**
**Victor iben il-mejjet Antonio Attard,**
**Angela mart Emanuel Azzopardi**

***v.***

**Maryanne mart George Attard u**
**Reġistratur tal-Qorti għal Għawdex**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti Victoria Cacciattolo *et* minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-17 ta' Ottubru 2014 li laqgħet eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione valoris* imressqa mill-intimati. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fil-21 ta' Frar 2014 ir-reġistratur tal-qorti ħareġ taxxa ta' drittijiet ta' kawża fl-ismijiet <u>Carmelo Attard *et v.* Maryanne Attard</u>, ċitazzjoni numru 76/2004, li fiha kienu parti r-rikorrenti u l-intimata Maryanne Attard. Ir-rikorrenti jgħidu li t-taxxa nħadmet fuq valuri indikati fuq nota iffirmata mill-avukati tal-partijiet iżda mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti, ukoll għax l-avukat li iffirma f'isimhom ma kienx għadu jippatroċina-hom għax kienu telquh. Għalhekk ippreżentaw ir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi n-nota konġuntiva tas-17 ta' Jannar 2014 li fiha ġie ddikjarat l-ammont ta' €175,000 bħala l-valur mertu tal-kawża fl-ismijiet <u>Carmelo Attard *et v.* Maryanne Attard</u> (ċitazz. nru 76/2004) hija nulla u bla effett *stante* li din ġiet intavolata fl-atti ta' dik il-kawża mingħajr il-kunsens tal-esponenti u *stante* li l-valur hekk dikjarat huwa bla bażi;
>
> »2. konsegwentement tiddikjara illi t-taxxa uffiċċjali tad-drittijiet ta' spejjeż maħruġa fil-21 ta' Frar 2014 in bażi tal-istess kawża ċitata nħadment fuq kriterji skorretti u/jew bla bażi fil-fatt u fid-dritt;
>
> »3. tiddikjara illi effettivament kellu jiġi intaxxat il-minimu skont it-Tarfifa A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »4. fuq dan il-binarju, tordna r-ritassa fir-rigward tat-taxxa u drittijiet ta' spejjeż maħruġa fil-21 ta' Frar 2014 in bażi tal-kawża fl-ismijiet <u>Carmelo Attard *et v.* Maryanne Attard</u> (ċitazz. nru 76/2004);
>
> »5. alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li din l-onorabbli qorti tiċħad l-ewwel erba' (4) talbiet, tiddikjara li l-ammont ta' €2,807.40 bħala dritt avukat huwa eċċessiv meta kalkolat fuq il-valur ta' €175,000 skont it-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li l-ammont ta' €2,607.75 pretiż mir-Reġistratur tal-Qorti għal Għawdex bħala dritt tiegħu huwa ugwalment eċċessiv għaliex minn dan l-ammont għandu jitnaqqas is-€712.79 ġia mħallsa mal-preżentata tar-rikors ġuramentat fit-13 ta' Lulju 2004, u tordna, konsegwentement, ir-ritassa f'dan is-sens.«

3. L-intimati ressqu l-eċċezzjoni fost oħrajn ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris*. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »… … … din hija proċedura *ai termini* tal-artikolu 64 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha qed tiġi kontestata taxxa maħruġa mir-reġistatur wara li kienet ġiet deċiża minn din il-qorti l-kawża ċitazzjoni numru 76/2004 fl-ismijiet <u>Carmelo Attard *et v.* Maryanne</u>

Attard fl-20 ta' Marzu 2013. Ir-rikorrenti qegħdin jikkontestaw din it-taxxa għad-diversi motivi kif indikati f'dan ir-rikors tagħhom. Is-sentenza presenti tirrigwarda però l-eċċezzjonijet preliminari mqajjma mill-intimati.

»Sew ir-Registatur tal-Qorti kif ukoll l-intimata l-oħra Maryanne Attard eċċepew fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' din il-qorti li tieħu konjizzjoni tat-talbiet presenti. Huma jsostnu li ġaladarba l-ammont in kontestazzjoni ma jaqbiżx il-kompetenza ta' qorti inferjuri – u infatti l-ammont globali ta' din it-taxxa jlaħħaq is-somma ta' €10126.79, u allura huwa fil-limitu kontemplat fl-artikolu 47 tal-Kap.12 – din il-proċedura kellha tiġi istitwita f'din il-qorti fil-kompetenza inferjuri tagħha u mhux kif għamlu r-rikorrenti.

»… … …

»Għal kuntrarju fil-każ presenti din il-proċedura ġiet intavolata quddiem din il-qorti, menti l-ammont ta' taxxa involut huwa ta' kompetenza ta' qorti inferjuri.

»Għaldaqstant tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

»L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa.«

4. Ir-rikorrent appellaw b'rikors tat-3 ta' Novembru 2014 li għalih ir-reġistratur wieġeb fil-21 ta' Novembru 2014 u Maryanne Attard wieġbet fit-2 ta' Diċembru 2014.

5. L-ewwel aggravju tal-appell huwa fis-sens illi:

   »… … … l-atturi appellanti mhux biss qegħdin jitolbu reviżjoni tat-taxxa taħt regolament partikolari fit-Tariffi li jinsabu fl-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda qegħdin, l-ewwel u qabel kollox, jitolbu għall-impunjazzjoni tan-nota konġunta li saret minn żewġ avukati, mingħajr il-kunsens tagħhom, fis-17 ta' Jannar 2014 u li permezz tagħha ġie dikjarat bħala l-valur tal-kawża … l-ammont ta' €175,000".«

6. Tassew illi l-appellanti qegħdin jitolbu li titħassar in-nota dwar il-valur tal-kawża li jgħidu li saret mingħajr il-kunsens tagħhom iżda din hija talba inċidentali għal dik li hija effettivament it-talba ewlenija li hija biex tiġi attakkata t-taxxa ta' drittijiet, tant hu hekk illi l-proċedura nbdiet b'rikors kif igħid l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mhux b'rikors maħluf, li kien ikun l-att li bih tinbeda kawża li l-għan ewlieni tagħha jkun biex tiġi attakkata n-nota.

7. Aggravju ieħor tal-appell ġie mfisser hekk:

> »… … … minkejja li taxxa ta' drittijiet u spejjeż ma hijiex att tal-qorti iżda att tar-reġistratur, xorta waħda huwa applikabbli, b'analoġija fil-każ odjern, dak provdut fl-artikolu 264(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u *cioè* illi "Barra minn fil-każijiet eċċetwati f'dan il-Kodiċi, l-esekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-qorti li minnha jiġu mogħtija, għalkemm l-esekuzzjoni jkollha ssir barra mil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti". Dan qed jingħad għas-sempliċi raġuni illi l-esponenti ġew interpellati sabiex iħallsu t-taxxa kontestata permezz ta' ittra uffiċjali tal-25 ta' April 2014, liema ittra ufficjali ġiet proprju intavolata fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri. Fi kwalunkwe każ, jekk il-qorti superjuri hija inkompetenti *ratione valoris* kif isottomettiet il-konvenuta Maryanne Attard stess, allura dik l-ittra uffiċjali tagħha hija wkoll nulla għaliex ġiet ugwalment intavolata f'qorti inkompetenti.
>
> »Magħdud ma' dan jiġi umilment premess illi skont dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet <u>John Falzon *noe v.* Dr Giuseppe Vella *noe et*</u> tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 12 ta' Frar 1946, "bit-tassazzjoni li ssir wara li tiġi mogħtija sentenza jiġu determinati żewġ serje ta' rapporti patrimonjali; wieħed jirrigwarda r-relazzjonijiet tal-kollitiganti bejniethom, u t-titolu ta' esekuzzjoni huwa s-sentenza stess; u l-ieħor jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn id-difensuri u l-klijenti u t-titolu esekuttiv huwa t-taxxa". Illi abbażi ta' dan ir-raġunament, jekk it-taxxa kontestata kellha tiġi esegwita fl-istess qorti li tat is-sentenza (kif fil-fatt hekk sar bil-procedura inizjali tal-ittra uffiċjali, liema ittra saret bejn il-kollitiganti) bl-istess mod allura ir-reviżjoni ta' dik it-taxxa għanda tiġi intavolata f'dik il-qorti li permezz tagħha l-konvenuta appellata qed tfittex l-esekuzzjoni tagħha.«

8. Jekk l-ittra ġudizzjarja tiswiex jew le huwa irrelevanti għall-kwistjoni, li hija dwar liema qorti hija kompetenti biex tqis proċedura maħsuba biex tattakka taxxa ta' drittijiet.

9. Għalkemm l-argument tal-appellanti ma huwiex għalkollox nieqes minn loġika, is-silta minnhom ċitata mis-sentenza *in re* <u>Falzon *noe v.* Vella *et*</u> iddgħajjef, mhux issaħħaħ, it-teżi tagħhom, għax tiddistingwi bejn l-esekuzzjoni tas-sentenza – li b'disposizzjoni espressa tal-liġi ssir mill-qorti li tat is-sentenza – u l-esekuzzjoni tat-taxxa, li dwarha ma hemmx disposizzjoni simili.

10. Barra minn hekk, huwa *ormai* stabilit fil-ġurisprudenza illi l-kompetenza tal-qorti li tqis talba taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tiddependi mill-valur[1].

11. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. B'applikazzjoni tal-art. 741(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha biex ir-rikors jinstema' quddiemha.

12. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb

---

1 Ara *e.g.* Anthony Formosa *v.* Av. Joseph Ellis *et*, App. 5 ta' Ottubru 2018.